17 ta' Ottubru, 1953.

**Imħallef:**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Francis Zammit**

**Traffiku — "One Way Traffic" — Bicycle.**

*In linea ta' massima, il-liġi tikkontempla ċ-ċiklista rieked, u mhux iċ-ċiklista żmuntat li jkun qiegħed jiddiriġi l-bicycle tiegħu b'idejh. Iżda meta wieħed iħares lejn aspett ieħor tal-kwistjoni, għandu jiġi għall-konklużjoni illi anki ċ-ċiklista li jkun qiegħed jiddiriġi l-bicycle b'idejh jikser ir-regolamenti tal-"one way traffic" jekk jgħaddi minn triq f'direzzjoni li skond dawk ir-regolamenti ma għandux jgħaddi fiha.*

Fuq l-imputazzjoni illi kiser ir-regolamenti ta' l-"one way traffic", billi f'Ħaż-Żabbar, (1) għadda b'bicycle minn Main Street mid-direzzjoni ta' Sanctuary Street, u (2) ma obdiex l-ordni leġittimu tal-Pulizija, l-imputat ġie liberat b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-12 ta' Awissu 1953, għar-raġuni li l-imputat kien miexi bir-rota f'idu;

L-Attorney General appella fuq il-pont tal-liġi involut fid-deċiżjoni, limitatament għall-ewwel imputazzjoni;

Trattat l-appell, din il-Qorti rriflettiet;

Il-pont involut f'dan l-appell ma jidherx li ġie kunsidrat qabel fil-ġurisprudenza. L-Imħallef sedenti jsib li "prima facie" jista' jidher li l-Maġistrat għandu raġun fil-konklużjoni tiegħu. Infatti hu ċert li, in linea ta' massima, il-liġi kkontemplat iċ-ċiklista rieked, u mhux iċ-ċiklista żmuntat li jkun qiegħed jiddiriġi l-bicycle b'idejh. Tant juru, per eżempju, id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 77 (b) u 31 (g) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13); u tant juru wkoll ir-regolamenti tal-Highway Code fil-parti li tirrigwarda liċ-ċiklisti (ara regolamenti Nru. 55 et seq.). Iżda, meta wieħed iħares lejn aspett ieħor tal-kwistjoni, isib li l-konklużjoni tas-sentenza appellata ma hijiex korretta. Infatti, l-iskop ta' "road safety" tal-"one way traffic" hu li t-traffiku li jkun ġej minn direzzjoni waħda jista' jistenna li jsib il-"carriage

way" libera minn vetturi ġejjin minn direzzjoni kuntrarja, li jkunu "diverted" minn triq oħra;

Issa — u hawn hu l-pont — iċ-ċiklista żmuntat jibqa' fil-"carriage way", mentri l-"pedestrian" normalment ikun, jew hu mistenni li jkun (ara reg. 89 Highway Code), fuq il-bankina. Infatti, iċ-ċiklista ma jistax imur fuq il-bankina, avvolja ma jkunx riekeb, sakemm ikun bil-bicycle, sija pure meta jkun qiegħed imexxiha. Kwindi hu, anki żmuntat, jista' jingombra l-"carriage way", kontra l-ispirtu u l-iskop tal-"one way traffic". Veru li l-perikolu hu mnaqqas, għax ma jkunx hemm vejikolu transitanti b'ċertu speed, imma jkun hemm bniedem miexi; iżda l-istess jibqa' li l-"carriage way" tkun ingumbrata minn bniedem li, minħabba li qiegħed imexxi l-bicycle, ma jistax imur fuq il-bankina;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tħassar is-sentenza appellata kwantu għall-ewwel imputazzjoni, tiddikjara l-imputat ħati ta' dik l-imputazzjoni, u, wara li rat Police Notice 92/50, 31 (1) (f) — art. 313 Kap. 13, u art. 7 Kap. 12, tikkundannah għall-piena ta' l-ammenda ta' 5s.